**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 6 ta' Settembru, 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Omar Zammit)**
**(Spettur Sherona Buhagiar)**

**vs**

**Twanny Buttigieg**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Twanny Buttigieg ta' 41 sena, iben Spiridione Buttigieg u Carmen xebba Vella imwieled Pieta, nhar il-5 ta' Marzu 1982, detentur tal-karta tal-identita 152182M u residenti fil-fond 125, FL 2, Triq l-Assedju l-Kbir, Tarxien

Akkuzat talli bejn 30 ta' Novembru 2022 u 18 ta' Marzu 2023 f'diversi hinijiet f'dawn il-Gzejjer Maltin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Uza vjolenza, inkluz vjolenza morali u, jew psikologika,u, jew sfurzar, sabiex igieghel lil Lianne Camilleri, persuna li kienet f'relazzjoni mieghu u li ghandom trabi komuni, taghmel, thalli ssir, jew tonqos milli taghmel, xi haga, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet ta' l-istess Lianne Camilleri jew jizola lill-istess Lianne Camilleri jew jillimita l-access ghall-flus, edukazzjoni jew impjieg u dan bi ksur tal-Artikoli 251(1); 251H; 251HA u 202 tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

2. Ikkawza lil Lianne Camilleri, persuna li kienet f'relazzjoni mieghu u li ghandhom trabi komuni, biza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta tieghha u dan lahaq il-mira tieghu u dan bi ksur tal-Artikoli 251(3); 222(1)(a) u 202(h)(iv) u 202h(vi) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

3. Gab ruhu b'mod li ta' fastidju lil Lianne Camilleri, persuna li kienet f'relazzjoni mieghu u li ghandom trabi komuni, u dan bi ksur tal-Artiklu 251A(1)(a); 222(1) u 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, gab ruhu b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan huwa ta' fastidju ghal Lianne Camilleri, persuna li kienet f'relazzjoni mieghu u li ghandom trabi komuni,u dan bi ksur tal-Artiklu 251A(1)(b); 222(1) u 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel ingurji u theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali lil Lianne Camilleri u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluz fil-mori tal-kawza kontra Twanny Bugeja ghall-beneficcju ta' Lianne Camilleri, u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' Lianne Camilleri u f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta' trattament u dan ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja, u li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Il-FATTI**

5. Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma in succint is-segwenti:

(i) Fit-18 ta' Marzu 2023, ghall-habta tas-sitta ta' fil-ghodu (6.00a.m.), Lianne Camilleri kienet marret gewwa d-dipartiment tal-vjolenza domestika tal-Pulizija biex taghmel it-tieni rapport taghha fil-konfront tal-imputat.

(ii) Camilleri u l-imputat kellhom relazzjoni bejniethom, u ghandhom tlett itfal komuni, bl-etaijiet ta' ghoxrin sena, tnax-il sena u ghaxar snin. Din ir-relazzjoni kienet ilha li ntemmet circa hames (5) snin.

(iii) Camilleri qalet lill-Pulizija li circa tlett (3) gimghat qabel kienet harget tiekol ma' habib taghha. L-imputat sar jaf f'dawk l-ahhar granet, u beda icemplilha, jheddidha u jitlobha l-flus.

(iv) Fis-sieghat bikrin tat-18 ta' Marzu 2023, l-imputat kien mar quddiem il-bieb tad-dar ta' Camilleri, u cemplilha l-qanpiena, pero hi ma fethitlux, u minflok cemplet lill-Pulizija, izda sakemm waslu l-Pulizija l-imputat lahaq telaq.

(v) Camilleri tat lill-Pulizija tlett (3) recordings ta' telefonati li skond hi saru mill-imputat lil Camilleri, fejn f'dawn ir-recordings jinstema' theddid serju, anke bil-mewt, mill-imputat lejn Camilleri.

(vi) Camilleri qalet lill-Pulizija li l-agir ta' l-imputat, anke minhabba l-problema kbira ta' droga li ghandu qieghed johloq biza kbira lilha u lit-tfal taghha.

(vii) Camilleri kienet ghamlet it-tieni rapport fil-konfront tal-imputat fit-30 ta' Novembru 2022 ghaliex l-imputat kien ta' kuljum icemplilha biex ittih il-flus biex ikun jista' jixtri d-droga, u jheddidha anke bil-mewt, u li se johdilha t-tfal.[1]

(viii) Fuq dawn iz-zewg rapporti, l-imputat gie arrestat u ittiehdu dawn il-proceduri kriminali fil-konfront tieghu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar Htija**

6. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, id-difiza eccepiet l-inammissibilita tar-recordings tat-telefonati ipprezentati u li fi kwalunkwe kaz dawn ir-recordings m'ghandhomx valur probatorju. Il-Qorti tqis li jkun opportun li hija ghandha tittratta l-ewwel din l-eccezzjoni, qabel tghaddi biex tikkunsidra l-meritu.

*Eccezzjoni Preliminari – L-ammissibilita u l-valur probatorju tar-recordings ipprezentati*

7. Logikament se tigi ittrattata l-ewwel l-eccezzjoni tal-inammissibilita tar-recordings tat-telefonati, u mbaghad jekk ikun il-kaz tigi ittrattata l-eccezzjoni tan-nuqqas tal-valur probatorju taghhom.

[1] Ara Dok D a fol. 19 tal-process.

8. Id-difiza issottomettiet li r-registrazzjoni telefonici bejn Camilleri u l-imputat ittiehdu b'manjiera illecita u minghajr il-kunsens tieghu, u allura, l-istess ma jistghu qatt jitressqu bhala evidenza idonea fi procediment gudizzjarju. Id-difiza tinvoka wkoll lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-imputat kif imharsa mill-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

9. Ma taqax fil-kompetenza ta' din il-Qorti li tiddeċiedi jekk l-irrekordjar ta' din it-telefonata kienx wieħed legali jew le, għax tali rimedji għal tali ilmenti huma regolati bl-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data - Kapitolu 586 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. Kwistjoni b'fattispeċje simili għal dik odjerna ġiet sollevata u deċiża fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Meinrad Calleja** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-3 ta' Mejju 2000. F'dawk il-proċeduri kriminali, l-akkużat *inter alia* eċċepixxa l-inamissibbilita` ta' *"cassette tape"* ta' reġistrazzjoni ta' konversazzjonijiet telefoniċi li allegatament saru bejn l-akkużat u xhud tal-Prosekuzjoni, għar-raġuni li l-akkużat kien qed jallega li din ir-reġistrazzjoni (*"recording"*) saret illegalment. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-14 ta' Diċembru 1998 fir-rigward ta' din il-kwistjoni. Il-Qorti Kriminali kienet irriteniet hekk:

*"Issa, apparti li ma hemmx prova – jew, jekk hemm, din ma inġabitx a konjizzjoni ta' din il-Qorti fil-kors tat-trattazzjoni orali – li r-reġistrazzjoni saret bi ksur ta' xi liġi, anke li kieku kien hekk (jiġifieri li r-reġistrazzjoni saret bi ksur tal-liġi_ dan ma jfissirx li dik ir-reġistrazzjoni ma hix ammissibbli bħala prova. Il-ġurisprudenza kostanti tal-qrati tagħna kienet dejjem li prova hi ammissibbli minkejja li biex wieħed jikseb dik il-prova tkun inkisret xi liġi oħra, u dan konformement mar-regola tal- "common law" Ingliża in materja (ara f'dan is-sens <u>Il-Pulizija v. Grezzju Spiteri</u>, App. Krim. 8/3/84; ara wkoll <u>P. v. Josephine Beonello</u>, App. Krim., 16/10/42 u s-sentenzi ċitati f'Harding's Recent Criminal Cases Annotated, Malta, 1943, p. 198). Din il-Qorti tagħmel referenza in partikolari għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Ingliża tal-15 ta' Marzu 1968 fejn ġie ritenut illi "recordings of conversations obtained through telephone tappling by private individuals are admissible in evidence" (<u>R.v. Senat and Sin</u>, 52 Crim. App. R. 282). Minkejja li fl-Ingilterra il-"Police and Criminal Evidence Act, 1984" tat espressament il-qrati diskrezzjoni li jistgħu, f'ċerti każi, jeskludu provi "obtained improperly* or *by trick" (ara l-Artikolu 78 ta' dik il-liġi), ir-regola ġenerali għadha li "evidence obtained*

*unlawfully, improperly or unfairly is admissible as a matter of* law*" (Blackstone's Criminal Practice, 1991, paġna 1689, para F.2.6). Fi kliem Lord Chief Justice Goddard fil-każ* Kuruma, son of Kaniu v. The Queen *(1955) AC 197:*

*"… … the test to be applied in considering whether evidence is admissible is whether it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible and the court is not concerned with how the evidence was obtained. While this proposition may not have been stated in so many words in any English case there are decisions which support it, and in their Lordships' opinion it is plainly right in principle." (p. 203).*

*Din il-Qorti tara li għal dak li jirrigwarda l-ammissibilita ta' prova miksuba illegalment, din hi wkoll il-posizzjoni taħt il-liġi tagħna. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tad-19 ta' Jannar, 1996 fl-ismijiet* Ir-Repubblika ta' Malta v. Eugenio sive Genio Gaffarena*:*

*"Fis-sistema tagħna dik li hija komunement imsejjħa bħala l-"Exclusonary Rule" fl-Amerika, għad m'hijiex radikata u r-regola ġenerali fis-sistema tagħna hija li provi illi jkunu ġew ottenuti b'mod ċensurabbli fuq skala kemm morali kif ukoll possibilment anke legali, xorta huma ammissibbli."*

*Jiżdied jingħad li fl-Ingilterra, minkejja l-Att tal-1984 aktar 'l fuq imsemmi, il-House of Lords fil-każ* R. v. Khan (Sultan) *[1996] 3 WLR 162, "upheld the decision of the Court of Appeal that evidence obtained by a bugging device, attached by the police to a private house without knowledge of the owner or occupiers, as admissible and should not have been excluded under section 78 … … The crime being investigated was one of great gravity: in the circumstances the invasion of privacy, with attendant trespass and damage, was outweighed by the lack of pressure or oppression by the police, the absence of incitement, the fact that the defendant had not been arrested and the existence of a tape recording of the conversations" (ara Archbold, 1997, para. 15-503).*

*Il-Qorti eżaminat ukoll l-Att tal-1996 dwar is-Servizz ta' Sigurta` (Att XVII/1996) biex tara jekk permezz ta' dan l-Att (li daħal fis-seħħ in parti fis-26 ta' Lulju, 1996, u in parti fis-6 ta' Settembru, 1996 – ara A.L. 141/96) il-leġislatur ħoloqx xi "exclusionary rule" jew tax xi diskrezzjoni lill-Qorti f'dan is-sens. Apparti l-fatt li l-allegati*

*konverżazzjonijiet telefoniċi seħħew f'Novembru* <u>*1993*</u>*, din il-liġi ma ħolqot ebda "exclusionary rule" u anqas tat xi diskrezzjoni lill-Qorti bħalma wieħed isib fil-"Police and Criminal Evidence Act, 1984"."*

11. Kif ingħad, il-Qorti tal-Appell Kriminali abbraċċat dan l-insenjament u l-konklużjoni tal-Qorti Kriminali fit-totalita tiegħu. Il-Qorti tal-Appell Kriminali żiedet tgħid hekk:

*"Din il-Qorti tirribadixxi illi f'dan il-kamp, il-liġi tagħna ma tistax tiġi ekwiparata ma' liġijiet oħra fejn il-prinċipju huwa divers u fejn il-ġurisprudenza segwiet linji kompletament opposti għal dawk nostrani. Tirrepeti in oltre li dik l'hekk imsejjħa 'exclusionary rule' li teżisti f'ċerti ġurisdizzjonijiet hija aljena għas-sistema tagħna. ... ... Similment, l-appellant qiegħed jissottometti illi "l-Prosekuzzjoni qed titlob lill-Qorti bħala istituzzjoni legali, li f'dan il-proċess legali, tikser il-liġi u tkun komparteċipi f'dan il-ksur tal-liġi, jew li tissana ksur ta' liġi." Apparti milli, kif tajjeb osservat l-Ewwel Onorabbli Qorti, din l-allegazzjoni l-appellant qiegħed jagħmilha mingħajr ma almenu ressaq ħjiel ta' prova jew indikazzjoni ta' prova illi dak li sar, sar illegalment da parti tal-awtorita tal-pulizija, jiġi osservat illi l-bażi tal-esklużjoni mis-sistema tagħna tal-'exclusionary rule' huwa proprju r-rifjut tas-sistema tagħna illi jallaċċja l-valur probatorju u l-ammissibilita ta' prova mal-mod kif tkun ġiet ottenuta ħlief għal dak li jirrigwarda konfessjonijiet da parti tal-akkużat li huma regolati speċifikament u differentement mill-Kodici. Fuq dan l-aspett legali, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tagħha in re Ir-Repubblika ta' Malta vs Eugenio sive Genio Gaffarena deċiża fid-19 ta' Jannar, 1996."*

12. L-insenjament f'dawn iż-żewġ sentenzi, japplika perfettament għall-każ odjern. Anke f'dan il-każ, l-imputat ma ressaq l-ebda prova quddiem din il-Qorti li r-reġistrazzjoni tat-telefonati tiegħu ma' Camilleri kienu illegali. Ghall-kuntrarju mill-atti jirrizulta li l-imputat kien jaf li Camilleri kienet xi kultant tirrekordja t-telefonati ta' bejniethom. Fil-fatt fl-istqarrija tieghu jghid hekk *"... ...Ghax hi fejn jaqblilha tirrekordja. Smajtni nghidilha: "Irrekordjani, naf li qed tirrekordjani".*[2]

[2] Ara fol. 109 tal-process.

13. Pero għar-raġunijiet fuq mogħtija, anke kieku kellu jirriżulta li din it-telefonata ġiet reġistrata illegalment, ir-reġistrazzjoni hija xorta prova ammissibbli f'dawn il-proċeduri. Din il-Qorti rat ukoll l-Kapitolu 586 biex tara jekk f'dan l-Att il-leġislatur ħoloqx xi *exclusionary rule*, pero lanqas din il-ligi ma ħolqot xi *exclusionary rule.*

14. Għalkemm din il-Qorti ovvjament mhix kompetenti tiddeċiedi allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali, għall-kompletezza, din il-Qorti rat ukoll il-każistika tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward. Fil-ktieb tagħhom **Law of the European Convention on Human Rights**,[3] **Harris, O'Boyle and Warbrick** jgħidu hekk:

*"In Schenk v. Switzerland, the Court stated that Article 6 'does not lay down any rules on the admissibility of evidence as such, which is therefore primarily a matter for regulation under national law.' Accordingly, it 'is not the role of the Court to determine, as a matter of principle, whether particular types of evidence … may be admissible … The question for the Court instead is whether the proceedings as a whole, including the way in which the evidence was obtained, were fair.' … …*

*Evidence may be admitted even if illegally obtained if this does not render the proceedings unfair. In the Schenk case, there was no breach of Article 6(1) when a tape recording of a conversation between the applicant and another person, P, that was obtained in breach of Swiss criminal and other law, and that incriminated the applicant, was admitted in evidence. This was because the proceedings as a whole were not unfair, for the following reasons. First, the right of the defence had not been disregarded. In particular, the defence had the opportunity to challenge both the authenticity of the recording and its admission as evidence, and to examine both P and the police officer who had instigated the recording. Secondly, the recording was not the only evidence on which the conviction was based.*

*The Schenk case was applied in Khan v. UK, in which again no breach of Article 6 was found. There, a conversation between the applicant and X on the latter's premises had been recorded by an electronic listenining device secretly installed on the premises by*

[3] Oxford University Press, il-hames edizzjoni, 2023.

*the police. The recording was admitted in evidence at the applicant's trial for a drug trafficking offence. In contrast to the Schenk case, the installation and use of the device were not contrary to national criminal law, although it was obtained in breach of Article 8 of the Convention. The recording was the only evidence on which the applicant's conviction was based, but this consideration was discounted by the Court on the basis that the recording was both 'very strong evidence' and undoubtedly reliable and in Schenk the recording had in fact also been important, possibly decisive evidence. Moreover, the applicant had, as in the Schenk case, been able to challenge the authenticity and admissibility of the recording and the national courts at three levels of jurisdiction had rejected claims that it should be excluded as rendering the proceedings unfair.*

*As emerges from these cases, whether the use of evidence obtained in breach of Article 8*[4] *of the Convention renders a trial unfair in breach of Article 6*[5] *depends upon the circumstances, including whether the rights of the defence have been respected and the strength of the evidence."*[6]

15. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, din il-Qorti ma tistax tara kif is-sottomissjoni tad-difiza li dawn ir-recordings tat-telefonati huma inammissibli tista' tiġi milqugħa, u konsegwentement qed tigi michuda.

16. Id-difiza tissottometti wkoll illi r-recordings ma jistghax ikollhom valur probatorju ghaliex ma giex ezebit il-mobile innifsu *a tempo vergine,* u ghalhekk ma jistax jigi traccat l-intier ta' dawn it-telefonati jew recordings mill-mument li kienu elevati jew gew fil-pussess tal-prosekuzzjoni jew addirittura fil-pussess tal-parte civile stess, u wisq anqas ma jista' jigi determinat kif sar ix-xoghol tal-estrazzjoni tal-istess telefonati u recordings. In oltre, l-istess recordings huma nieqsa minn data, hin u lok li jistghu jikkombacaw ma' dak prezentat mir-rapprezentanti tal-Melita Ltd. Ghaldaqstant, id-difiza tissottometti li dawn ir-recordings ma humiex l-ahjar prova li l-Prosekuzzjoni setghet iggib, u li kellha dover iggib ai termini tal-Artikoli 599 u 560(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u

[4] Li jirrigwardja *inter alia* d-dritt fundamentali ghall-privatezza.
[5] Li jirrigwardja d-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq.
[6] Ara fol. 424 tal-ktieb fuq citat.

Procedura Civili, rezi applikabbli ghal dawn il-proceduri bl-Artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali.

17. Huwa vera li l-mobile ta' Camilleri ma giex ezebit f'dawn il-proceduri, pero Camilleri xehdet hekk *'ghandi recordings li jiena ghamilthom fuq pendrive u ghaddejthom lilek spettur"*[7] u iktar tard qalet *"hafna telefonati li qeghdin ghandek spettur"*[8] – b'riferenza ghall-Ispettur Omar Zammit. L-ispettur Sherona Buhagiar xehdet li Camilleri *"kienet ipprovdiet lill-Pulizija bi ftit mir-recordings tat-telefonati li kienu qieghdin isiru"* mill-imputat,[9] u ezebiet ir-recordings, li fihom hemm partijiet minn tlett telefonati separati.[10]

18. In sustanza f'dawn ir-recordings, apparti diversi theddid serju u insulti lejn Camilleri, u jitlobha tatih il-flus u li jrid lit-tfal jghixu mieghu, l-imputat jitkellem repetutament dwar il-fatt li Camilleri marret tiekol ma' habib taghha, u jitkellem b'mod pegorativ fil-konfront ta' dan ir-ragel li hu qal li kien pulizija. Dan jikkorroborra dak li qalet Camilleri kemm lil Pulizija kif ukoll kif xehdet f'dawn il-proceduri, li fis-16 ta' Marzu 2023, l-imputat sar jaf li hija xi tlett gimghat qabel kienet marret tiekol ma' habib taghha, u beda jcemplilha joffendiha u l-imgieba tieghu dak il-lejl u fil-jumejn ta' wara iddegenerat hafna, ghax wahhalha f'mohhu li hi kellha relazzjoni ma' dan ir-ragel.[11] Il-kliem li qal l-imputat f'dawn it-telefonati jaqbel perfettament ma' dak li xehdet Camilleri, u li xehdu z-zewg Ufficjali Prosekuturi li t-tnejn xehdu li semghu r-recordings. Kull recording ghandu d-data tas-16 ta' Marzu 2023 u hemm indikat il-hin tat-telefonata u cioe 21.22hrs, 21.35.hrs u 21.47hrs. It-tlett telefonati saru mal-mobile bin-numru 9968 2001, li Camilleri xehdet huwa ta' habib tal-imputat.[12] Dawn it-tlett telefonati fl-istess hinijiet jidhru wkoll fil-call profile tal-mobile ta' Camilleri ezebit minn Sr. Stephanie Mifsud, rapprezentanta tal-Melita Ltd.[13]

19. Il-kontenut ta' dawn ir-recordings gie diskuss fit-tul waqt l-istqarrija tal-imputat, u fl-ebda hin l-imputat ma qal li dak li nstema' jghid fir-recording mhux veru qalu. Anzi, kif diga inghad, l-imputat qal li kien jaf li xi drabi Camilleri kienet tirrekkordjah. Fil-fatt,

---

[7] Ara fol. 34 tal-process.
[8] Ara fol. 36 tal-process.
[9] Ara fol. 67 tal-process.
[10] Ara fol. 69 tal-process.
[11] Ara fol. 36 tal-process.
[12] Ara fol. 42 tal-process.
[13] Ara fol. 191 tal-process.

meta hin minnhom l-Ufficjal Prosekutur irrimarka *"mela nahseb smajna recording hazina",* l-imputat wiegeb *"Le smajt tajjeb. Mhux qed nghidlek le jiena"*[14]

20. Id-difiza kellha kull opportunita li taghmel l-kontro-ezami ta' Camilleri u tal-Ufficjali Prosekuturi, izda hija naqset li taghmel domandi biex tirribatti x-xhieda taghhom dwar l-awtenticita ta' dawn it-telefonati. Ghalkemm id-difiza tallega li Camilleri setghet kienet selettiva fl-ghazla ta' liema recordings jigu prezentati, u l-mod, hija naqset milli tressaq xi prova biex b'xi mod tissustanzja din l-allegazzjoni taghha. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ma cahadx li dak li inghad fir-recordings kien minnu, u lanqas ghamel xi allegazzjoni li r-recordings kienu selettivi.

21. Ghaldaqstant fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, mill-provi prodotti quddiemha, il-Qorti hija sodisfatta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li r-recordings tat-telefonati huma awtentici, u li gew irrekordjati fil-gurnata u hin fuqhom indikat. Konsegwentement, anke din l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' valur probatorju tat-telefonati qed tigi michuda.

*<u>Il-Meritu</u>*

22. Fid-deposizzjoni taghha quddiem din il-Qorti, Camilleri spjegat kif l-imputat ilu ghal dan l-ahhar circa hmistax (15)-il sena bi problema kbira ta' tossiko-dipendenza, u l-hin kollu jitlobha l-flus biex ikollu biex jixtri d-droga. Hija kienet ittieh bejn sittin Euro (€60) u mija u ghoxrin Euro (€120) kuljum. Meta ma ittihx dawn il-flus kien jibda' t-theddid fil-konfront taghha, tat-tfal taghhom u anke tal-genituri taghha. Huwa kien jheddidha anke li se jisparalha u li se tispicca bhal Bernice – b'riferenza ghall-mara li allegatament inqatlet minn zewgha f' Novembru 2022. Allura hija kienet ittih il-flus biex ihalliha kwietha.

23. L-unika introjtu taghha huwa x-xoghol taghha, u biex ittieh il-flus gieli kienet tispicca tiddejjen, ghaliex lanqas ikollha flus bizzejjed biex tati x'jieklu lit-tlett itfal taghhom. Hu kien jghidilha biex tissellef il-flus minghand ohtu, missierha u gieli qalilha biex tghid lit-tifla l-kbira taghhom li ghandha ghoxrin (20) sena u tahdem biex tatih il-flus.

---

[14] Ara fol. 109 tal-process.

24. Hija ikkonfermat in sustanza iz-zewg rapporti li hija ghamlet lill-Pulizija. Hija ikkonfermat li l-agir tal-imputat mar ghall-aghar fis-16 ta' Marzu 2023 meta sar jaf li marret tiekol ma' habib taghha, u wahhalha f'rasu li kellha relazzjoni ma' dan ir-ragel, ghalkemm ir-relazzjoni bejnha u bejn l-imputat kienet intemmet hames snin qabel. Ix-xhieda ta' Camilleri hija korroborata bir-recordings ezebiti in atti u mix-xhieda ta' Sheylen Camilleri, t-tifla l-kbira tal-imputat u ta' Camilleri, li stqarret li kienet qatghet ir-relazzjoni ma' missierha, minhabba l-mod ta' kif kien igib ruhu meta kien jghix maghhom. Hija xehdet ukoll li ommha kienet gieli tghidilha biex ma tmurx torqod id-dar wara x-xoghol, ghax tibza' li jigi l-imputat u jweggaghha. Hija qalet ukoll li ommha kienet baqghet tkellem lill-imputat ghax kienet imbezza' bit-theddid tieghu illi joqtolha.

25. Ghal kull buon fini, jigi rilevat li fil-ligi Maltija, ir-regola li tipprojbixxi l-*hearsay evidence* mhix wahda assoluta imma hija soggetta ghal diversi eccezzjonijiet (ara l-Artikoli 588 u 589 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, rezi applikabbli ghal proceduri kriminali bl-Artikolu 645 tal-Kapitolu 9). Fil-fatt l-Artikolu 589 tal-Kapitolu 12 jippreskrivi hekk: *"Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, … …"*[15] Huwa ghal din ir-raguni li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll – flimkien mal-provi l-ohra akkwiziti – dak li xehdet Sheylene Camilleri.

26. Rapprezentant tas-socjeta Melita Ltd.,ipprezenta wkoll il-*call logs* tal-mobile ta' Camilleri, minn fejn jirrizulta n-numru ta' telefonati li hi kienet tircievi prattikament kuljum min-numru tad-dar tal-genituri tal-imputat, mill-mobile ta' omm l-imputat, min-numru tad-dar u tal-mobile ta' oht l-imputat, u minn numru tal-mobile ta' habib tal-imputat. Fix-xhieda tieghu l-imputat ammetta li hu juza kemm il-mobile ta' ommu kif ukoll il-mobile tal-habib tieghu.[16]

[15] Ara fost ohrajn is-sentenzi **John Mary Vella et vs Il-Kummissarju tal-Pulizija** deciza fit-13 ta' Jannar 1988 mill-Qorti Kostituzzjonali, u **Anthony Mifsud vs Victor Calleja** deciza fid-9 ta' Jannar 2008 mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri).
[16] Ara fol. 126 tal-process.

27. Mill-provi prodotti jirrizulta car li l-imputat kien juza' vjolenza psikologika fil-konfront ta' Camilleri biex tatih il-flus sabiex ikun jista' jixtri d-droga. Hi kienet tobdih, ghax jekk ma taghmilx hekk jinfexx f'hafna theddid fil-konfront taghha u ta' uliedha, specjalment fil-konfront ta' Sheylen, li kien johloq biza' f'dawn il-persuni. In oltre jirrizulta car, li dan l-agir kien ilu sejjer mhux biss fiz-zmien indikat fic-citazzjoni, imma ghal snin shah.

28. Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha, id-difiza tipprova titfa' dubbju fuq il-kredibilita tax-xhieda ta' Camilleri, u tissottometti li mhux vera li Camilleri kienet imbezza' mill-imputat, ghaliex kieku ma kinietx tibqa' tirrispondi t-telefonati u sahhansitra anke iccempel hi mil-mobile taghha lura lill-imputat. Id-difiza tissottometti wkoll li hija perplessa kif Camilleri tikkwalifika l-ghoti tal-flus minnha lill-imputat bhala 'ghajnuna' anke jekk hija kienet il-mezz ghal fini, il-mezz ta' kif huwa kompla jitkisser u jidhol aktar fil-vizzju akut tad-droga. Id-difiza tirrileva wkoll li l-biza iggieghel individwu jirraporta mill-ewwel l-ghassa u mhux bil-kuntrarju.

29. Rigward dawn is-sottomissjonijiet tad-difiza, il-Qorti tirrileva li huwa facli hafna li wiehed jghid x'ghandu jsir f'kuntest purament kliniku fejn ma hemmx emozzjonijiet involuti. Pero r-realta tal-hajja turi li meta hemm emozzjonijiet involuti, bhal kazijiet simili ta' vjolenza domestika, huwa difficli ghal persuna tiddeciedi b'mod spassjonat x'ghandha taghmel. Camilleri kellha relazzjoni mal-imputat ghal circa hmistax (15)-il sena, u minn din ir-relazzjoni twieldu tlett itfal. Certament ma kienx facli ghaliha li taghmel rapport fuqu l-pulizija, meta kienet taf li kien hemm cans tajjeb li konsegwenza ta' dan ir-rapport l-imputat jispicca l-habs. Anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss ma kien ghad fadlilha l-ebda emozzjoni fil-konfront tieghu, certament ma xtaqietx li missier it-tfal taghha jispicca l-habs, minhabba rapport taghha, u dan anke ghal gid ta' uliedha stess.

30. Huwa fatt notorju li vittmi ta' vjolenza domestika hafna drabi jippreferu isoffru fis-silenzju – gieli ta' snin – milli jirraportaw lill-Pulizija, u dan ghal diversi ragunijiet, fosthom minhabba l-biza' ta' ritaljazzjoni jekk huma jirraportaw lill-aggressur taghhom, u l-affarijiet imorru ghall-aghar.

31. Fil-fatt Camilleri qalet li wara li hi ghamlet l-ewwel rapport taghha lill-Pulizija f'Ottubru 2022, l-imputat kissrilha l-windscreen tal-karozza taghha.[17] Camilleri xehdet li f'okkazzjoni minnhom f' Novembru 2022, l-imputat dar lejn it-tifla z-zghira taghhom *"u qalli "jien ghal dawn jiddispjacini ara, ghax minhabba fik se jispiccaw minghajr omm". Ikun hemm il-biza'. Tghidli zbaljat taghtih l-flus, nizbalja naghtih il-flus, imma jien dejjem ippruvajt illi nipprova nipprotegi lil uliedi ghax gieli anke … … heddili lit-tifla l-kbira Chaylene* [recte Sheylen] *Camilleri li ghandha ghoxrin (20) sena illi jaghtiha anke zewg tiri u jiggieled maghha fis-sens ghaliex ma tkellmux".*[18]

32. Camilleri xehdet ukoll illi meta jcemplilha kienet kwazi dejjem tirrispondih: *"Nipprova nirrispondih kwazi dejjm ghax nghid iktar … … jekk sejra ma nirrispondihx dan iktar se jirrabja. Heqq x'taghmel? Jekk ikolli xi haga tal-flus immur naghtihielu u joqghod kwiet hu u jhallini nghix kwieta."*[19]

33. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti hija sodisfatta li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra l-imputat lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

34. Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti ikkonsidrat li l-fedina penali tal-imputat m'hix wahda felici. Hu ghandu erbatax (14)-il kundanna minn dawn il-Qrati, li jinkludi diversi serq ikkwalifikat, ksur tal-ligijiet tas-sewqan, u kundanna ghal hsara volontarja u li bl-imgieba tieghu ikkaguna biza' f'persuna li se tintuza vjolenza kontrieh. Huwa inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati, pero gie ikkundannat ukoll ghal piena ta' sentejn prigunerija.

35. Camilleri xehdet li l-imputat dejjem irrifjuta li jaghmel programm residenzjali sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga. Dan gie konfermat mill-Ufficjal tal-Probation Svetlana Bezzina f'dawn il-proceduri, li kienet qed issegwieh fuq ordni temporanja ta'

---

17 Ara fol. 39 tal-process.
18 Ara fol. 33 tal-process.
19 Ara fol. 41 tal-process.

supervizjoni.[20] Ghalkemm kemm l-Ufficjal tal-Probation iggwidatu sabiex jissottometti applikazzjoni quddiem il-Prison Addiction Rehabilitation Management Board, sabiex jigi segwit fil-habs mill-Agenzija Caritas,[21] l-imputat naqas li jaghmel dan. Minn verifiki li ghamlet l-Ufficjal tal-Probation mal-Agenzija Caritas, jirrizulta illi l-imputat ma kienx konsistenti fil-kuntatt mal-istess Agenzija qabel beda jinzamm taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.[22]

36. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha d-difiza tghid illi *"l-esponent lest li jibda programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga."*[23] Pero fir-rapport taghha tat-18 t'Awwissu 2023, l-Ufficjal tal-Probation qalet li fit-3 ta' Lulju 2023 kellha laqgha ohra mal-imputat u li tul din il-laqgha *"l-imputat deher persistenti fl-intenzjoni tieghu li ma jsegwix programm residenzjali kontra l-vizzju tad-droga. Infatti, tenna bosta drabi li li jinsab konvint li mhux se jaghmel aktar uzu mid-droga u li f'dan l-istadju m'ghandux bzonn tal-istess programm. Min-naha l-ohra, baqa' jinsisti li fil-komunita lest izomm kuntatt ma' keyworker mill-Agenzija Caritas. Minn verifikazzjoni li saret mal-Agenzija Caritas jirrizulta li fil-habs, Buttigieg zamm kuntatt mal-keyworker tieghu … …"*

37. Mill-assjem tal-provi migbura, din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat m'hux kapaci jindirizza l-problema akuta tat-tossikodipendenza tieghu jekk dan ma jaghmlux f'ambjent konfinat tal-habs.

38. Jekk l-imputat verament ghandu r-rieda li jeghleb il-problema tad-droga li minnha huwa mahkum jista' jindirizzaha minn gewwa l-Agenzija ghas-Servizzi Korrettivi li joffru dan is-servizz. Huwa risaput ukoll li din l-Agenzija toffri wkoll s-servizz ta' psikologu, jekk l-imputat ikun interessat jaghmel uzu minn dan is-servizz. Jehtieg jekk verament l-imputat irid jindirizza il-vizzju tieghu ta' abbuz ta' droga li bl-ghajnuna tal-professjonisti li hemm gewwa l-habs isir pjan ta' kura bil-ghan li l-istess imputat jista' jikseb il-frott mixtieq minn kulhadd.

---

[20] Ara fol. 178 tal-process.
[21] Ara fol. 178 tal-process.
[22] Ara fol. 84 tal-proceduri.
[23] Ara fol. 217 tal-proceduri.

39. Din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha timponi kundizzjoni li l-imputat jkun ordnat isegwi programm ghaliex temmen li sabiex dan il-programm ikun success din ghandha tkun triq li jghazel hu b'mod volontarju u determinat.

**Konkluzjoni**

40. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(1) Wara li rat l-Artikoli 18, 251(1) u 2), 251H(a) u (b), 251HA, 202(h)(iv) u (vi), 251(3), 222(1)(a), 202(h)(iv) u (vi), 251A(1)(a) u (b), 202(1)(a) u 202 (h)(iv) u (vi) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

(2) Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tlett snin u nofs prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri biss.

(3) Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront tal-hati Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Lianne Camilleri. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tinħareġ għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data tal-iskadenza jew mahfra tal-piena. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tiġi hawn imposta taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati fl-Ordni ta' Trażżin hawn annessa u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

(4) Il-Qorti tordna li kopja ta' l-Ordni tat-Trazzin tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**